MALTA

ATT Nru. VII ta' l-1990

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kap. 104.

ACT No. VII of 1990

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Motor Vehicles Insurance (Third-Party Risks) Ordinance, Cap. 104.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

6 ta' Marzu, 1990

ATT Nru. VII ta' l-1990

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kap. 104.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, hareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1990 li jemenda l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Kap. 104.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għal ġustizzja jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Emenda ta' l-artikolu 4 tal-liġi prinċipali.

2. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "offiża fuq il-persuna kkaġunata" għandhom jidħlu l-kliem "offiża fuq il-persuna, jew il-ħsara lil xi proprjetà, kkaġunata";

(b) minflok il-kliem "li ġejja minn kuntratt" għandhom jidħlu l-kliem "li ġejja minn kuntratt; jew"; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (iii) tal-proviso tiegħu, kif emendat, għandhom jidħlu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(iv) responsabbiltà għal dik il-ħsara lill-proprjetà ta' terzi persuni, ikkaġunata f'inċident wieħed, li tkun teċċedi l-ħamsin elf lira; jew

(v) responsabbiltà għall-ħsara lill-proprjetà ta' terzi persuni li tkun fuq jew ġewwa l-vettura tal-mutur assigurata jew li tkun fil-pussess tal-persuna assigurata.".

Emenda ta' l-artikolu 8 tal-liġi prinċipali.

3. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 8 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "li jikkaġuna offiża fuq persuna oħra" għandhom jidħlu l-kliem "li jikkaġuna offiża fuq persuna oħra jew ħsara lil proprjetà".

Emenda ta' l-artikolu 10 tal-liġi prinċipali.

4. L-artikolu 10 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "u ta' kull limitazzjoni fuq l-ammont totali li jmiss jitħallas taħt il-polza skond il-paragrafu (iv) tal-proviso tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza" għandhom jitħassru; u

(b) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tiegħu, wara l-kliem "jew l-offiża fuq il-persuna" għandhom jidħlu l-kliem "jew ħsara lil proprjetà".

Emenda ta' l-artikolu 13 tal-liġi prinċipali.

5. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 13 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1)" għandhom jidħlu l-kliem "taħt is-subartikolu (1)".

Emenda ta' l-artikolu 16 tal-liġi prinċipali.

6. Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 16 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1)" għandhom jidħlu l-kliem "Fis-subartikolu (1)".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 348 tas-27 ta' Frar, 1990.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati